# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2 3 1 1

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2860/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Emanuel Ciantar**

**vs**

**M C E Limited**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ingusta.**

Illum 14 ta' Ottubru 2014

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors ta' Emanuel Ciantar ipprezentat fir-Registru tal-Qorti fit-2 ta' Dicembru 2010 mill-avukat Gavin Gulia. Ghall-iskopijiet ta’ Artikolu 78 ta’ Kap 452 tal-Ligijiet ta’ Malta jinghad li dan il-kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-ligi minhabba li s-smiegh tax-xhieda ha fit-tul.

DIKJARAZZJONIJIET

Is-sur Ciantar iddikjara li huwa kien impjegat mas-socjeta` intimata bhala Store Assistant fuq kuntratt indefinit full-time. Dan l-imieg tieghu gie terminat fit-30 ta' Settembru 2010 ghal ragunijiet li ma kienux gusti u sufficjenti skond il-ligi, u dan stante li huwa kien wegga' waqt il-lant tax-xoghol u li minhabba f'dan ma setghax jaghmel xoghol ta' strapazz li jirrikjedi x-xoghol tieghu. Jghid li s-socjeta` intimata baqghet ma offritlux xoghol alternattiv bil-konsegwenza li s-sur Ciantar sofra peggorament fil-kundizzjoni tieghu, kif kellu jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz. Jghid li huwa ma felahx jaghmel aktar dak ix-xoghol u

kien kostrett jirrizenja minhabba r-riluttanza tas-socjeta` intimata li toffrilu xoghol alternattiv u dan bl-iskop li tisfurzah jirrizenja.  Jghid li din it-terminazzjoni ta' l-impieg mhijiex gusta u sufficjenti skond il-ligi.  Huwa talab kumpens gust u xieraq.  Fl-istqarrija tal-kaz ir-rikorrent ikkonferma dan kollu.

Il-kumpanija intimata rrispondiet b'Dikjarazzjoni fejn tghid li l-azzjoni tar-rikorrent hija insostenibbli u t-talbiet tieghu kellhom jigu michuda ghal numru ta' ragunijiet, ossia  (1) Ir-rikorrent irrizenja minn jeddu mill-impieg li huwa kellu full-time  mal-kumpanija intimata b'effett mit-30 ta' Settembru 2010;

(2) Mhux minnu li saru xi mizuri da parti tal-kumpanija sabiex tisfurzah jirrizenja, hekk kif mhux minnu li kellu xi problema fuq ix-xoghol minhabba li kien sofra xi incident fuq il-post tax-xoghol tieghu;

(3) li l-uniku incident li sofra fuq il-post tax-xoghol tieghu mas-socjeta` intimata kien imur lura ghas-sena 2004, f'liema incident huwa kien sofra "*wrist injury*" kif juri r-rapport mediku u rapporti ohra;

(4) li tul dawn l-ahhar xhur ir-rikorrent kien qed juzufruwixxi ruhu mis-sick-leave tieghu regolarment minhabba probelma li kellu fil-*hips* u li kienet ser twasslu ghal "*hip replacement*" kif juri certifikat mediku;

(5) li r-rizenja mressqa mir-rikorrent ghamilha minn jeddu u minghajr indhil jew sforz da parti tas-socjeta` intimata, u huwa gharrafhom b'din i-rizenja b'mod verbali kemm lill-Financial Controller tas-socjeta` u kif ukoll lil wiehed mid-Diretturi taghha.  Huwa kien jaghmel xoghol ta' *stock taking* u x-xoghol tieghu ma kienx wiehed strenjuz xejn, tant illi kellu assistant mieghu il-hin kollu;

(6) li r-rikorrent rcieva l-hlas li kien dovut lilu b'cheque u payslip tat-30 ta' Settembru 2010.  Peress li huwa ma kienx dispost jahdem in-*notice period* meta huwa ta r-rizenja tieghu gie li huwa kellu jhallas lura lill-kumpanija skond il-ligi, haga li baqa' ma ghamilha qatt;

(7)  li l-Financial Controller Anton Darmanin kien gharraf lir-rikorrent biex ma jsarrafx ic-cheque imsemmi tat-30 ta' Settembru peress li kellu jsir aggustament minhabba n-notice period mhux mahdum.  Di fatti l-istess Financial Controller baghat workings godda – b'dana kollu r-rikorrent xorta wahda sarraf ic-cheque

li kien lilu mibghut u talab li jidhol lura ghax-xoghol fuq il-premessa li d-dipartiment tas-Sigurta` Socjali kienu tawh parir hazin u li kien ghamel zball li rrizenja ghax hu ried jigi *boarded-out.* Is-sur Ciantar kien mgharraf immedjatament li t-temm ta' l-impieg tieghu kien gja gie registrat u li l-kumpanija kienet ghamlet arrangamenti ohra;

(8) F'ebda hin u taht ebda cirkostanza ma r-rikorrent ilmenta minn xi trattament tali li kien ser iwasslu ghal rizenja – u dan ghar-ragunijiet ovvji peress li in effetti ma kienx qed isofri tali trattament. Kien biss ir-ripensament tieghu li jidhol lura ghax-xoghol li wasslitu biex jaghmel dawn il-proceduri.

Gew esebiti numru ta' dokumenti fosthom korrisponenza li tghid li peress li r-rikorrent ma hadimx in-notice period, huwa kellu jhallas lura €948.86.

PRELIMINARI

Fl-ewwel seduta, li nzammet fl-1 ta' Frar 2011, dan it-Tribunal stieden lill-partijiet jikkonsidraw ftehim bonarju, izda t-Tribunal gie infurmat li ma kienx hemm prospetti ghal ftehim u li l-kaz kellu jittiehed bhala wiehed ta' Constructive Dismissal.

IL-PROVI MIGJUBA

Ir-rikorrent xhed li huwa kien ilu jahdem mas-socjeta` intimata fuq l-ghaxar snin, sa mis-sena 2000, u tul dan iz-zmien huwa dejjem hadem bhala store assistant. Jghid li f'Marzu 2004 waqt li kien fuq ix-xoghol htieglu jitla sellum biex jistiva xi tubi, waqa' minn fuqu u wegga' kemm il-polz ta' idu kif ukoll siequ. Xogholu kien jinkludi stock-taking, ibiegh mill-counter u jistiva l-istock. Dak il-hin il-kollega tieghu Alfred ma kienx qed izommlu s-sellum ghax mar ibiegh xi haga mill-hanut, u peress li s-sellum ma kienx daqstant stabbli, huwa waqa' gholi ta' ftit inqas minn sular. Shabu haduh l-isptar u hemmhekk ghamlulu l-gibs f'idu, tant li dam 7 gimghat barra mix-xoghol. Dak

iz-zmien, ghalkemm wegga' wkoll siequ u genbu, dawn ma tantx kienu qed ituh fastidju. Pero` kien baqa' jzappap u n-nies innutawh li baqa' ma jimxix dritt. Wara xi sentejn tlieta mar ghand tabib dwar dan, li rreferih ghand il-Consultant Orthopaedic Surgeon Ray Gatt, li wara li ordnalu X-Ray infurmah li kellu jibdel il-hip-bones. Irrakkomandalu li ma jerfax oggetti tqal, u r-rikorrent informa lill-imghallem tieghu b'dan. Jghid li dak iz-zmien kienu qed jghidulu li jekk ma kienx jiflah imur ghax-xoghol, iwaqqfuh mill-impieg. Allura meta skopra din il-problema fl-2007 huwa ghadda c-certifikat lill-imghallem u ma talbu xejn, l-anqas li jinghata *light duties*. Di fatti ma inghatax *light duties*. Anzi wiehed mill-hames Store-Assistants ha promotion u peress li baqghu erbgha, x-xoghol zdiedlu. Lill-imghallem tieghu Ivor Pugliesevic infurmah li kien qed ikun mugghuh u li kellu jibla l-pilloli, u dan irrispondih li jekk ma jiflahx jahdem jitlaq mill-impieg. Fl-ahhar xhur tal-impieg din is-sitwazzjoni wasslitu ghal depressjoni. Anke proprju fl-ahhar gimgha qabel waqaf mix-xoghol, il-manager tieghu Jason Cassar ordnalu jistiva *armoured cable* li kien tqil, huwa talbu jtih lil xi hadd iehor, u dan Jason qallu li jekk ma jiflahx jaghmel dan ix-xoghol jitlaq. Dan it-tip ta' diskors kien ilu jghidulu. Kien hemm okkazjonijiet li kien ikollu bzonn imur it-toilet u l-imghallem izommu u jghidlu biex imur iktar tard. Fiz-zmien vicin li decieda li ma jkomplix imur ghax-xoghol kien gara hekk: f'hin minnhom talbu jmur it-toilet u dan ma hallihx, bil-konsegwenza li xxarrab. Kellem lil certu Victor tal-Labour Office u qallu kemm kien qed ikun mugugh, u dan qallu biex jieqaf mix-xoghol. Fuq dan il-parir ir-rikorrent cempel lill-imghallem u qallu li kien mugugh wisq u mhux ser ikompli imur ghax-xoghol. Jghid li huwa kien ghad fadallu sick-leave u seta' hadhom imma dan tal-Labour Office tah dan il-parir u qaghad fuqu. Wara irrealizza li kien ikun ahjar kieku talab li jigi *boarded-out*. Kien biss ezatt wara li waqaf mill-impieg li beda l-procedura biex jigi *boarded-out*.

In kontro-ezami r-rikorrent spjega li meta waqa' minn fuq is-sellum, idu ntefhitlu u wegghetu hafna u kellu bzonn il-gibs. Dak iz-zmien il-weggha f'genbu ma tantx ta kasha ghax kienet hafna inqas mill-ugiegh ta' idu. Pero` maz-zmien idu ghaddietlu u genbu beda jiggravalu. Jghid li qabel kien jilghab goal-keeper u kien imdorri jaqa' u jwegga' imbaghad jghaddilu. Pero` din id-

darba mhux talli m'ghaddilux genbu talli beda jizdiedlu l-ugiegh. Kien fl-2007 li gie infurmat li kellu bzonn *hip-replacement* fuq iz-zewg nahat. Jghid li huwa kien jitkellem ma' shabu fuq dan, izda ma kienx jitlob lil ta' fuqu specifikatament biex jinghata xoghol hafif ghax kien jibza' li jaqbdu u jkeccuh, bhalma qalulu kemm-il darba Jason Cassar u Ivor Pugliesevich ghal kull l-icken nuqqas. Fl-ahhar gimgha Jason Cassar qallu li jekk ma jiflahx jahdem ghandu jitlaq. Jghid li darba inghata *warning* ghax gholla lehnu gol-hanut, u darba ohra inghata *warning* ghaliex bid-depression li kellu ma kienx qed jghodd tajjeb. Aktar tard ir-rikorrent xehed li darba ohra fi Frar 2010 l-imghallem tah *warning* talli l-gurnata ta' qabel ha sick-leave ghax kien mugugh; qallu li jekk jerga' jkeccih. Jghid li meta kien ikun mugugh jiehu pillola u jghaddilu, izda dawn il-pilloli bdew iwegghulu l-istonku. Jghid li f'April 2010 beda jsir xoghol ta' *bar-coding*, u dan kien jghodd ghalih bhala *light-duties*. Anke li jbiegh mill-hanut biss seta' jitqies bhala *light-duties*. Jghid li fl-ahhar sentejn certu Martin Cassar kien jinghata xoghol fil-hanut biss. Anzi dan Martin Cassar u Alfred Monreal, li kienu store-assistants ukoll, inghataw promotion ftit xhur qabel ma hu telaq mix-xoghol. Jghid li f'Lulju 2010 ipproduca c-certifikat tal-Konsulent Gatt li jghid li huwa ma setax jaghmel xoghol ta' strapazz, u li kien ser jaghmel operazzjoni ta' *hip-replacements*. Pero` f'dan iz-zmien Jason Cassar beda sistema gdida ta' stock-taking fejn kull store-keeper ikollu jitla' u jinzel is-sellum, flok wiehed joqghod fuq u l-iehor isfel. Jghid ukoll li fl-ahhar gimgha li hadem tant tawh xoghol li kellu jahdem 10 sieghat kuljum – tant kien mugugh li kien qed jispicca jibki. Lil Cassar talbu xoghol ehfef, u dan qallu li xogholu irid jibqa' jaghmlu hu ghax inkella jitfa' l-piz fuq l-ohrajn. Jghid li dik kienet l-aghar gimgha ta' hajtu. Jghid li Jason Cassar spiss kien jaqbad mieghu, u kien irrappurtah lil Adrian Pugliesevich, u dan kien jghidlu li ser ikellmu. Jghid li ma rrappurtax lill-labour office ghax kien ser jispicca bil-penzjoni fi zmien sena u tliet xhur, u ma riedx jaqla' inkwiet. Jghid li huwa ta r-rizenja tieghu ghaliex ta fuqu ma kienux qed jikkompatuh fl-ugiegh tieghu, anzi jtuh aktar xoghol. Jghid li wara talbuh il-flus ekwivalenti ghal xahar u nofs *notice-period*, pero` huwa kien intitolat ghal tliet xhur paga tal-10 snin servizz. Huwa kien jaqla' €1,120 fix-xahar.

Imbaghad xhed il-konsulent Ray Gatt li kkonferma li kien ra lil Emanuel Ciantar f'Lulju 2007 meta permezz ta' X-Ray irrizulta li r-rikorrent kellu artrite fiz-zewg *hip-joints*. Imbghad rega' rah f'Gunju 2010 fejn l-X-Rays urew li l-problema kienet iggravat, u fl-4 t'Ottubru 2010 huwa bbukkja lir-rikorent biex jaghmel zewg hip-replacements. Fl-2007 il-problema ma kinitx gravi izda fl-2010 tant kienet iggravat li r-rikorrent kien qed ikollu hafna restrizzjoni fil-movimenti tieghu, tal-inqas sa ma jkollu hip-replacement. Jghid li persuna hekk m'ghandhiex titla slielem ghax twegga' hafna. Jghid li l-kundizzjoni tar-rikorrent iggravat ghax hekk normali jigri, mhux ghax baqa' jaghmel xoghol strenjuz. Finalment huwa ccertifika lil Emanuel Ciantar li ma kien *fit* ghall-ebda *gainful employment*.

Jason Cassar xhed li huwa manager fuq is-*sales*. Jghid li jiftakar lis-sur Ciantar jghid li daqqa tugghu idu, daqqa siequ, daqqa dahru, pero` ma kienx ikun mugugh li ma jkunx tajjeb ghax-xoghol. Jghid li aktar milli jokrob bl-ugiegh, is-sur Ciantar kien il-hin kollu jgerger. Jghid li s-sellum dejjem kien iwaqqfu hazin bir-riskju li jaqa' minn fuqu, u ghalxejn ikkorrgih fuq dan kemm-il dabra.

Alfred Monreal xhed dwar ix-xoghol li kien ikollhom hu u r-rikorrent u ohrajn, bhal jippustjaw il-konsenji ta' switches, wires, kaxxi, pajpijiet, fittings tal-ilma u elettriku u ohrajn fl-istores; jiccekjaw il-listi tal-konsenji. Jghid li l-oggetti t-tqal jitpoggew fuq xkaffi isfel, imma jekk ikun hemm bzonn jittellghu fuq jintuza l-fork-lifter. Ftakar lis-sur Ciantar jilmenta minn ugiegh f'saqajh u genbejh, u jghid li Ciantar qallu li t-tabib irrakkomandalu jnaqqas fil-piz. Jghid li pero` qatt ma qallu li ma setax jerfa, u kien jerfa' oggetti bhal kulhadd. Jghid li jaf li Jason kien jirrabja mar-rikorrent meta kien jaghmel l-izbalji fl-invoices.

Is-socjeta` intimata ressqet affidavit ta' Anton Darmanin, il-Fianancial Controller. Jibda biex jghid li Ciantar kien qed jaghmel diversi zbalji fil-

konteggi u gie verbalment avvzat dwar dan. Jghid li Ciantar ma kienx ikun ikkoncentrat fuq ix-xoghol u jghid li "Jista' jkun illi dan kien rizultat tal-fatt illi huwa ghandu l-vizzju tal-loghob." Jghid li dan ix-xoghol hazin kien qed jaffettwa hazin il-kalkoli tal-kumpanija: fuq dan anke inhargitlu warning bil-miktub.

Jghid li meta r-rikorrent iddecieda li jieqaf mix-xoghol kien diga' ilu gimgha bis-*sick-leave*, u cempillu u qallu li xi hadd tah parir ma jibqax jahdem. Il-kumpanija qieset dan il-kliem bhala li kien qieghed jirrizenja b'effett immedjat. Jghid li minhabba li ma nhadimx in-*notice period* il-kumpanija kellha tigbor lura €948.86. Jghid li wara xi jiem ir-rikorrent gie l-ufficju fil-board-room u lid-diretturi qalilhom li kien inghata parir hazin dwar ghalxiex kien qed jieqaf: "hu ried illi jigi boarded out u mhux illi jieqaf." Jghid li Ivor Pugliesevic qallu li l-kumpanija kienet diga' rregistratu bhala li telaq mix-xoghol u ma ried jiddiskuti xejn qabel ma Ciantar jirritorna dawk l-€948.86. Jghid li Ciantar qal li c-cheque tal-paga kien diga' sarrfu u ma setax ihallashom lura, u ghalhekk is-sur Pugliesevich insista ghalihom sa ma fl-ahhar Ciantar qam u telaq il-barra. Jghid li d-diretturi kienu qed jissaportu l-izbalji tas-sur Ciantar l-aktar ghaliex fi zmien xahrejn kien ser ikun eligibbli ghall-penzjoni.

Daniela German mill-accounts xhedet li Emanuel Ciantar kien qed itiha figuri zbaljati dwar l-istock. Tghid li "Din bdiet tigri fuq bazi regolari." Ix-xoghol kien ikollu jerggha jsir. Tghid li l-effetti tal-izbalji tas-sur Ciantar baqghu jinhassu zmien twil, u Ciantar "dejjem kien jidher aktar interessat fi kwistjonijiet tieghu personali."

Ivor Pugliesevich, direttur, ikkonferma l-istqarrija tal-kaz u jghid li ma jafx ghalfejn Ciantar irrezenja la kien ser jiehu l-penzjoni fi zmien xahrejn, u cioe` f'Dicembru 2010 meta kien ser jaghlaq 60 sena. Jghid li l-impjegati shab Ciantar kien bdew jghidulu li Ciantar kien bi hsiebu johrog boarded out, izda Ciantar ma qallu xejn dwar dan. Jghid li anqas hu ma kellem lil Ciantar dwar dan. Jghid li meta Ciantar waqaf mix-xoghol, sabu li l-locker tieghu kien gia' zvujtah u kkonkludew li l-waqfien mix-xoghol kien ilu ppjanat. Jghid li

Ciantar waqaf mix-xoghol wara li ha s-sick-leave kollu, minhabba ugiegh fil-hips. Jghid li l-uniku ilment li kien jisma dwar Ciantar kien li ma kienx qed jghodd sew meta kien imissu jghodd l-istock. Jghid li f'Lulju 2010 Ciantar kien gablu c-certifikat mediku ta' Mr Gatt u qallu li fi zmien qasir kien ser jaghmel operazzjoni ta' hip replacement; b'dan huwa fehem li Ciantar kien ser ikun wieqaf mix-xoghol zmien twil u haseb biex jirranga kif jitkompla x-xoghol.

Jghid li dakinhar tal-Gimgha 30 ta' Settembru 2010 Ciantar cempillu biex jghidlu li l-paga tieghu kienet ser tigborhielu t-tifla biex fil-weekend ma jinqabadx bla flus. Giet it-tifla tigbor ic-cheque u xi siegha wara rega' cempillu Ciantar u qallu li fuq parir li ha, "*mhux ha nidhol izjed ghax-xoghol jien, qalli ser nieqaf.*" Imbaghad ikkalkolaw li l-kumpanija kellha tieghu l-flus tan-notice period lura, u talbu lil Ciantar biex ma jsarrafx ic-cheque, pero` dan sarrfu xorta immedjatament. It-Tnejn ta' wara l-Financial Controller staqsih ghalfejn sarraf ic-cheque u Ciantar irrisponda li kien inqabad bla flus. Dakinhar tat-Tnejn imlew il-formoli tat-temm tal-impieg tal-ETC u rregistrawhom. Jghid li imbaghad it-Tieta jew l-Erbgha ta' wara rega' cempel Ciantar u qallu li dwar il-waqfien mix-xoghol kien inghata parir hazin ghaliex hu ried li jibqa' jghodd li baqa' fl-impieg. Pugliesevich qallu li dan ma kienx possibbli ghaliex l-ETC gew infurmati bit-terminazzjoni u ghaliex il-haddiema l-ohra kienu diga' inghataw xogholu. Ma gie impjegat hadd gdid. Dan ix-xhud ikkjarifika li meta gie biex jieqaf mix-xoghol, Ciantar kien qallu "*jiena m'ghadnix fit for work, qalli jiena tawni parir li jiena llum nista' niehu l-pensjoni u ma nirrapportax izjed ghax-xoghol*." Ma kellu xejn bil-miktub. Imbaghad tliet ijiem wara cempillu Ciantar biex jitolbu jzommu fl-impieg, pero` Pugliesevich qallu li issa troppo tardi u li barra minn hekk kien hemm il-problema tal-hlas zejjed li Ciantar kellu jirritorna. Imbaghad bdiet il-korrispondenza mal-avukat ta' Ciantar.

Dan ix-xhud rega' xehed aktar tard u spjega li bint ir-rikorrent ghamlet 12 –il sena tahdem maghhom bla problemi, u r-rikorrent ghamel hafna snin jahdem maghhom u "*for many years kollox kien ghaddej fuq ir-rubini...*" Qal ukoll li x-xhud tar-rikorrenti John Julio Azzopardi, wara li tkecca, kien mar jghid man-nies li ried ipattihielhom. Jghid li dan tkecca ghax refa' jdejh fuq impjegata

ohra (folio 262), pero` it-Tribunal jinnota li r-rapport tal-pulizija esebit jghid li dan kien heddidha biss.

Fi stadju olterat, ir-rikorrent tella' lill-ex-impjegat John Julio Azzopardi. Jghid li Ciantar kellu problema b'dahru fuq ix-xoghol, u barra minn hekk kien jaqbad mieghu il-manager Jason Cassar. Jghid li darba huwa talab lil Jason Cassar jibghatlu lil xi hadd mieghu halli jghinu, u Jason qallu biex jiehu lil Ciantar mieghu; meta fakkru li Ciantar kien ghadu kif irritorna mis-sickleave, Cassar qallu "ahjar ghalih... ahjar ha jerga' jitlaq minn fejn gie ghax m'ghandniex bzonnu hawn..." . Ftakar okkazjoni fejn dan Jason beda jghajjar lil Ciantar ghax ma kienx qed jghodd sewwa. In kontroezami l-avukat tal-kumpanija intimata staqsa lix-xhud fuq ir-ragunijiet tat-terminazzjoni tal-impieg tieghu, u fuq il-problemi li kellu fl-impieg, pero` ghalkemm it-Tribunal ippermetta mistoqsijiet fuq dan il-binarju, tali xhieda irrizultat totalment irrelevanti ghall-kaz odjern.

<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Dan it-Tribunal jehtieglu jibda jitratta l-enfasi tas-socjeta` intimata li gialadarba dan kien kaz ta' rizenja, allura mhemmx kaz ta' tkeccija ingusta. Pero` r-rikorrent specifika li huwa <u>kien kostrett jirrizenja</u> ghaliex minkejja li kien mugugh huwa ma inghatax *duties* adattati ghalih. Jghid ukoll li l-manager Jason Cassar u xi kultant id-direttur Ivor Puliesevich kienu jhedduh bit-tkeccija, u allura kien qed ihossu skomdu jitlobhom ituh *light-duties* ghax beza' li minflok ikeccuh. Jghid li lejn l-ahhar talab lil Cassar ma jtihx xoghol ta' strapazz, izda dan kien itihulu xorta. It-Tribunal ma jistax ma jinnotax kif is-sur Pugliesevich xhed li ghal numru ta' snin l-impieg tar-rikorrent kien miexi fuq ir-rubini, u l-affarijiet marru l-bahar fl-ahhar ftit. Dan jaqbel mal-verzjoni tar-rikorrent li huwa ma kienx qed jikkoncentra fuq xogholu kemm minhabba l-ugiegh li beda jizdiedlu f'genbejh kif ukoll minhabba d-depressjoni li qabditu. Ir-rikorrent ghadda c-certifikati lil Pugliesevich, u dan minn naha tieghu kien

sar jaf li Ciantar kien ser jipprova johrog boarded-out. Ghalhekk huwa verosimili li r-rikorrent beza' jitkellem car u jitlob *light duties*, mentri huwa fatt ammess minn Ivor Pugliesevich stess li minkejja l-informazzjoni li kellu, lil Ciantar ma kellmu xejn fuq dan. Bic-certifikati f'idejh, is-sur Pugliesevich kien messu avvicina lil Ciantar u offrielu s-support li seta' kellu bzonn.

Huwa verosimili wkoll li l-kumpanija, lejn l-ahhar , kienu qed jiehdu pacenzja bir-rikorrent minhabba li kien beda jaghmel hafna zbalji, pero` dan it-Tribunal, fil-waqt li jikkommenda din il-pacenzja li hadu bir-rikorrent, ma jistax jifhem kif imbaghad il-kumpanija hatfet l-okkazjoni meta r-rikorrent irrepeta l-kliem li qallu xi hadd mill-*labour office* dwar li kellu jieqaf imur ghax-xoghol, u dan gie interpretat bhala li kien qed jirrizenja. Il-partijiet jaqblu li r-rikorrent irrizenja, pero meta' wiehed jara l-kliem li ntuza, u li gie rappurtat verbatim aktar 'il fuq, li kellu zgur f'mohhu r-rikorrent kien li ma riedx ikompli jahdem. Jidher li xi hadd mill-*Labour Office* tah parir bi kliem li jaghti lok ghal misinterpretazzjoni u qallu li kien intitolat jieqaf mix-xoghol immedjatament, imma aktarx li dan ried jinftihem li seta' jieqaf bis-sick-leave. Is-sur Pugliesevich jghid li r-rikorrent kien utilizza l-*paid sick-leave* kollu, u allura dan ifisser li kieku r-rikorrent inzamm fl-impieg fuq *unpaid-sickleave*, fi zmien xahrejn u nofs kien jasal ghall-penzjoni jew verament johrog *boarded-out*.

It-Tribunal jinnota li l-konsulent Gatt spjega li Ciantar ma kienx f'sahhtu biex jahdem u ghalhekk il-pretensjoni tar-rikorrent li tramite l-avukat tieghu f'Ottubru 2010 talab li jinghata *light duties* ma kinitx tregi. Pero` sewwa lmenta r-rikorrent li minkejja li fix-xhur ta' qabel huwa kien qed ibaghti minn ugiegh f'genbu, id-dirigenti tas-socjeta` intimata laghbuha tal-ghomja u baqghu ghaddejjin ituh ix-xoghol normali qisu ma kien qed ibaghti minn xejn. Jidher li l-manager Jason Cassar, flok ikkumpatih, baqa' jaghfsu biex "jekk ma jogghbux jitlaq." B'dan is-sur Cassar wera inkomprensjoni kbira lejn dan il-haddiem li, fi kliemu, ma kienx jokrob bl-ugiegh imma jgerger. Dan jixhed li Ciantar ma kienx mugugh li ma setax jahdem, pero dan jikkuntrasta ma dak li ccertifika l-konsulent Ray Gatt.

Jidher li r-rikorrent kien ghaddej minn perjodu hazin ta' ugiegh u depressjoni, u fuq ix-xoghol ma sabx appogg: baqa' jissaporti jissaporti u meta ma felahx aktar waqaf immedjatament mix-xoghol.  Ghalhekk dan it-Tribunal qed jaqbel li r-rikorrent gie kostrett jirrizenja, pero` mhux kif jghid hu ghax qabdu mieghu izda ghaliex fic-cirkostanzi partikolari ta' sahha li kien fihom, is-superjuri tieghu ma ghenuh xejn fit-tqassim tax-xoghol, anzi pretendew li jibqa' ghaddej b'xogholu daqslikieku ma kien qed isofri minn xejn. Dan jghiduh huma stess.

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal ser isib li kien hemm kaz ta' Constructive Dismissal, pero` ghal dak li hu rimedju ghandhom jigu kkonsidrati s-segwenti fatturi.  Il-kumpanija intimata donnha dahlet f'pika mar-rikorrent talli dan mar jigri jsarraf ic-cheque tal-paga.  Pero` Ivor Pugliesevich jixhed li Ciantar kien diga' qallu li ser jibghat it-tifla ghalih ghax inqabad bla flus.  Il-kumpanija kienet f'pozizzjoni li tevalwa c-cirkostanzi aktar bil-kalma, u wara li dan l-impjegat taghha baqa' jahdem minkejja t-tbaghtijiet li kien ghaddej minnhom, wiehed kien jistenna li l-kumpanija tkun ftit aktar flessibbli f'dan il-perjodu, aktar u aktar wara meta beda hiereg aktar car il-fatt li Ciantar verament kien fi stat hazin.  Ghandu jigi kkonsidrat ukoll li la darba r-rikorrent ma kienx f'kundizzjoni li jahdem ebda xoghol, huwa xorta kien ser jibqa' bla qliegh, u ghalhekk il-kumpens ghandu jkun relattiv ghal dak li sofra fiz-zmien li kien ghadu fl-impieg.  Finalment, gialadarba r-rikorrent waqaf mill-impieg hesrem ghax ma felahx jissaporti izjed, u ghalhekk il-kaz proprju ta' *constructive dismissal*, il-kwistjoni tan-notice ma tapplikax, u ghalhekk l-ammont imsemmi mis-socjeta`intimata ta' €948.86 m'ghandux jigi rifuz mir-rikorrent lis-socjeta' intimata.

<u>DECIZJONI</u>

Ghaldaqstant dan it-Tribunal, wara li kkonsidra l-provi prodotti, qieghed jiddecidi dan il-kaz b'mod definittiv billi jqis li r-rikorrent gie soggett ghal

Constructive Dismissal, u ghalhekk it-terminazzjoni tal-impieg tieghu ma kinitx wahda gusta u gustifikata fil-ligi. In vista tac-cirkostanzi imsemmija hawn fuq, dan it-Tribunal qieghed jordna lis-socjeta` intimata tikkumpensa lir-rikorrent fl-ammont ta' elfejn Euro (€2,000.00) fi zmien tletin gurnata mill-lum, b'dan anke li r-rikorent m'ghandu jirrifondi ebda hlas lura lis-socjeta` intimata. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' tlieta u disghin Euro (€93.00). B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr Leslie Cuschieri
Chairman